MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Numru. 992/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen Mallia)**

**vs**

**Jason Farrugia ta’ 29 sena iben Silvester u Giulia nee Aquilina imwieled Pieta’, fil-31 ta’ Lulju, 1974,**
**u li joqghod fil-fond ’Syblings’, Flat 1, Triq Addeotato Gatt,**
**Zebbug detentur tal-karta tal-identita‘ bin-numru 376274 (M)**

**Edward Cilia ta’ 47 sena iben Emanuel u Filippa nee Xerri, imwieled Zebbug, Malta fid-29 ta’ Mejju, 1956,**
**u li joqghod fil-fond ’Fiorella Court’, Flat 12, Triq ic-Cern, Bugibba, karta tal-identita’**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Jason Farrugia u Edward Cilia li gew akkuzati talli fl-10 ta' Ottubru, 2003 ghall-habta tas-7.30 ta' filghaxija, u fil-11 ta' Ottubru, 2003 f'xi hin filghodu f'Haz-Zebbug, iddenunzjaw lill-Pulizja Ezekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu t-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak i-reat kien sar, ai termini tal-Artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jason Farrugia wahdu akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Ottubru, 2003, f'Ghajn Tuffieha, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizjia, zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjoni, u cioe senter tal-ghamla 'Breda' bin-numru serjali mhux maghruf ai termini tal-Artikolu 3(1) tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizja, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idu jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni, u cioe senter tal-ghamla 'Breda' bin-numru serjali mhux maghruf, barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, ai termini tal-Artikolu 3(1A) tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, meta kellu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'ideu jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, u cioe senter tal-ghamla 'Breda' bin-numru serjali mhux maghruf, naqas li jzommhom fil-kustodju tieghu b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor, ai termini tal-Artikolu 8 (1) u (2) tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kap 66 tal-Ligjiet ta' Malta;

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, meta gie fil-pussess ta’ arma tan-nar jew munizzjoni, xorta ohra milli b’licenzja, u cioe ta’ senter tal-ghamla ’Breda’ bin-numru serjali mhux maghruf, naqas li minnufiha jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 9(1) tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni HAS-137, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizjia jew tal-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ l-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni.

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat illi l-Prosekuzzjoni kienet irtirat l-akkuza dedotta taht il-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra Jason Farrugia.

Illi fit-tieni lok jigi rilevat illi fis-seduta ta’ 10 ta’ Mejju, 2006 Jason Farrugia kien irregistra ammissjoni fil-konfront ta’ l-akkuzi dedotti tieghu fil-konfront tal-Kapitlu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.   Pero’ ebda ammissjoni ma giet registrata fil-konfront ta’ l-ewwel akkuza tant l-artikolu 110(e) Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghalhekk ikkonfermaw l-ammissjoni tieghu  in parti (vide fol 11).  Min-naha tieghu Edward Cilia ametta l-akkuza kontra tieghu a fol 12.

Illi ghalhekk ir-reati li ghandhom jigu ezaminati fil-konfront taz-zewg akkuzati huwa dak ikkontemplat taht l-imsemmi artikolu tal-Kapitlu 9 b’liema reat gew addebitati z-zewg akkuzati barra dawk taht il-Kapitlu 66 fil-konfront ta’ <u>Jason Farrugia wahdu</u>.

Illi ghalhekk fil-konfront tar-reat taht l-artikolu 110(2) tal-Kapitlu 9 l-abbli difensur issottometta illi dan ir-reat qatt ma jista’ jirrizulta gialadarba fil-fatt ir-rat ta’ serq tas-senter li gie rraprotat ta’ bilhaqq sehh, allura konsegwenza ta’ hekk ma giex kostitwit ebda rapport falz.

Illi harsa lejn l-artikolu 110(2) Kapitlu 9 wiehed isib li l-ligi tghid:

“Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, ...“ (enfazi tal-Qorti).

Issa mil-fatti jirrizulta ben car illi Jason Farugia ghamel rapport l-Ghasa li kien insteraqlu s-senter li kellu fil-vettura tieghu meta din kienet ipparkjata gewwa ghalqa f’Ta’ Bata (propjeta tieghu stess) limiti ta’ Zebbug. Dan ir-reat gie rraportat minn Jason Farrugia fl-10 ta’ Ottubru, 2003 lil PS 238 Michael Carter vide xhieda a fol u Dok C). Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ l-istess Surgent Carter illi gialadarba dan ir-reat lilu rraportat kien jinvolvi arma, huwa nforma sahansitra lil CID.

Illi rrizulta aktar illi fil-fatt Jason Farrugia mitkellem mill-Pulizjia ammetta illi ghalkemm fil-fatt kien vera li kien insteraqlu s-senter pero’ mhux minn Ta’ Zebbug kif kien irraporta hu imma mill-vettura tieghu pparkjata hdejn il-post ta’l-impieg tieghu gewwa Ghajn Tuffieha.

Fl-invenzjoni tar-reat li suppost sehh go Ta’ Zebbug, Farrugia nvolva wkoll lill-ko akkuzat Edward Cilia fis-sens li qal li hu kien se juri l-istess senter lil Cilia ghax dan kien wera nteress fix-xiri tieghu.

Fil-fatt meta Farrugia mar iressaq ir-rapport tieghu qal li meta x-xerrej wasal hdejn l-ghalqa dan in-negozju bejniethom ta’ bejgh ma sarx gialadarba hu kien wegga’ ghajnejh u ghalhekk ix-xerrej hadu l-isptar. Mitlub mis-surgent riceventi r-rapport min kien dan ix-xerrej pero’ ma kienx jaf jindika min kienet din il-persuna.

Certament ghalhekk fuq tali rapport falz il-pulizija bdiet l-investigazzjonijiet taghha skond il-ligi. Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mat-tezi tad-Difiza li r-reat ta’ serq ta’ senter vera sar pero’ ma sarx la fil-lok u lanqas fil-hin li gie hekk rapportat lill-Pulizija.

Illi huwa car illi r-raguni wara dan ir-reat huwa li ebda awtorita’ pubblika bhal korp tal-Pulizija u konsegwenti awtoritajiet Gudizzjarji ma jigi sgwidati f’investigazzjonijiet u xoghol fazull . Rapport hekk denunzjat ma juri xejn hlief nuqqas ta’ rispett serju lejn l-Awtoritajiet ta’ pajjizna.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed issib lill-akkuzat Jason Farrugia u Edward Cilia hatja tar-reati lilhom addebitati taht l-artikoli 110(2) tal-Kapitlu 9 u lil Jason Farrugia wahdu hati wkoll tar-reati kkontemplati taht l-artikolu 3(1), 3(1A), 8(1)(2) tal-Kapitlu 66.

Rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9.

Rat il-fedina penali taghhom.

Tikkundannahom ghal sena habs sospiza ghal sentejn wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.

Rat ukoll l-artikolu 109 tal-Kapitlu 9 li jaghmel tassativ u mandatorju fuq din il-Qorti li tapplika f’kaz ta’ htija il-piena ta’ interdizzjoni generali.

Rat ghalhekk l-artikolu 10 tal-Kapitlu 9 u qegda ghalhekk tikkundanna lil kull wiehed mill-akkuzati ghal interdizzjoni generali temporanja ta’ sena minn liema kif ukoll ghal interdizzjoni milli huma jservu bhala xhieda, hlief quddiem Qrati tal-Gusitzzja u bhala periti.

Tordna li ai termini ta’ l-artikolu 10 tal-Kapitlu 9 illi din is-sentenza tigi debitament ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------